# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 20 ta' Ottubru, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 95/2020 TA**

**L-Avukat Dr.Cedric Mifsud detentur tal-karta tal-identita' numru 196979(M) a nom u in rappreżentanza tal-assenti Emmanuel Gemmell Smith**

**vs**

**Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza, Direttur Ġenerali (Qrati), L-Avukat tal-Istat**
**U**
**Marisa Buġeja għal kull interess li jista' jkollha**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Dr. Cedric Mifsud għan-nom tal-assenti Emmanuel Gemmell Smith (ir-rikorrent) tat-3 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

**1)** "Illi permezz ta' skrittura privata datata nhar is-sitta (6) ta' Mejju elfejn u ħmistax (2015), is-sur Emmanuel Gemmell Smith kera taħt titolu ta' lokazzjoni, il-fond bin-numru sitta u għoxrin (26) bl-isem ta' Marfran, fi Triq Oliver Agius, Attard mingħand is-sinjura Marisa Buġeja għal perjodu ta' bejn l-ewwel (1) ta' Lulju elfejn u ħmistax (2015) u it-tletin (30) ta'

Ġunju elfejn u sbatax (2017) u dan versu il-kirja ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600);

**2)** Illi ġara illi fl-elfejn u sbatax (2017) is-Sur Gemmell Smith tilef l-impjieg illi huwa kellu ġewwa Malta u b'hekk peress illi ma kellu l-ebda tip ta' dħul ġewwa Malta huwa u il-familja tiegħu kellhom jirrillokaw fi Franza u huma taw id-debita notifika lis-sinjura Buġeja u ir-raġel tagħha illi huma kien ser ikollhom jitilqu minn pajjiżna u is-sinjuri Buġeja kienu ġew infurmati bl-indirizz tas-sur Gemmell Smith fi Franza;

**3)** Ġara illi is-sinjura Buġeja permezz ta' rikors datat nhar it-tmienja (8) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017) intavolat proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet ***Marisa Bugeja v Dr Josette Sultana u PL Quentin Tanti li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017 ġew nominati bħala kuraturi għall-assenti Emmanuel Gemmell Smith (Rikors Numru 61/2017JD)*** fejn talbet lil dak il-Bord jogħġbu jordna illi is-sur Gemmell Smith kien debitur tas-sinjura Bugeja fl-ammont komplessiv ta' wieħed u għoxrin elf, erbgħa mija u disgħa u ħamsin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,459.76) rappreżentanti allegati arretrati ta' kera u bilanċ allegatament dovut sat-terminazzjoni tal-kirja kif ukoll bilanċ allegatament dovut għal-konsum tad-dawl u ilma u era tal-istess servizzi bejn Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u l-ħamsa (5) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017);

**4)** Illi is-Sur Gemmell Smith ma ġiex notifikat bl-atti ta' din il-kawża u b'hekk huwa ma setgħax jiddefendi il-pożizzjoni tiegħu skond il-liġi. Illi il-ħatra tal-kuraturi kienet waħda nulla u intempestiva stante illi is-Sinjura Buġeja kellha fil-pussess tagħha l-indirizz tas-sur Gemmell Smith ġewwa Franza u għaldaqstant il-proċedura ai termini tar-Regolament tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea numru (KE) 1393 tal-2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali kienet titlob illi fl-ewwel lok kellha tiġi ittentata in-notifika tramite l-uffiċju tal-Avukat tal-Istat u mhux billi jiġu appuntati kuraturi deputati;

**5)** Illi inoltre mill-verbali tal-imsemmija proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola il-Kera lanqas ma jidher illi il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-Sur Gemmell Smith kienu għamlu xi tentattivi sabiex jinnotifikawh bl-atti tal-kawża;

**6)** Illi minħabba f'dan, il-Bord li Jirregola l-Kera għadda sabiex permezz tas-sentenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) ikkundanna lis-Sur Gemmell Smith iħallas is-somma fl-ammont komplessiv ta' wieħed u għoxrin elf, erbgħa mija u disgħa u ħamsin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€21,459.76) rappreżentanti allegati arretrati ta' kera u bilanċ allegatament dovut sat-terminazzjoni tal-kirja kif ukoll bilanċ

allegatament dovut għal-konsum tad-dawl u ilma u era tal-istess servizzi bejn Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u l-ħamsa (5) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017) lis-sinjura Buġeja;

7) Illi għal darb'oħra is-sur Gemmell Smith ma ġiex notifikat bis-sentenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) u b'hekk din is-sentenza saret *res judicata*;

8) Illi kien biss fit-tmienja (8) ta' Novembru tal-elfejn u dsatax (2019) illi is-Sur Gemmell Smith ġie a konoxxenza tal-proċeduri illi kienu inqatgħu kontrieh u dan perezz illi marixxall tal-Qorti ta' Bourgoin-Jallieu innotifikaħ b'dokumenti ta' proċedura intavolata ġewwa Franza għal esekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera ġewwa Franza (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A);

9) Illi sa dan l-istadju il-kawża kienet laħqet saret *res judicata* u b'hekk ir-rikorrenti ma kellux mod kif huwa seta' jirrimedja il-proċeduri illi inġiebu kontra tiegħu mingħajr ma kien a konoxxenza tagħhom u mingħajr ma kien infurmat dwar is-sentenza qabel ma din kienet saret *res judicata;*

10) Illi is-sentenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) inkisbet bi ksur tal-jedd fondamentali għal smigħ xieraq imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni stante illi ir-rikorrenti sar jaf bil-proċeduri wara illi is-sentenza saret res judicata u b'hekk baqa' mingħajr rimedju sabiex iwaqqa is-sentenza miksuba kontriħ.

Illi għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni oħra li jidhrilha xierqa jogħġobha:

1) Tordna u tiddeċiedi illi il-proċedura u is-sentenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet ***Marisa Bugeja v Dr Josette Sultana u PL Quentin Tanti li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017 ġew nominati bħala kuraturi għall-assenti Emmanuel Gemmell Smith (Rikors Numru 61/2017JD)*** kisru il-jedd fondamentali għal smiegħ xieraq tar-rikorrenti u imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

2) Tikkanċella u tannulla is-sentenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet ***Marisa Bugeja v Dr Josette Sultana u PL Quentin Tanti li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017 ġew nominati bħala***

***kuraturi għall-assenti Emmanuel Gemmell Smith (Rikors Numru 61/2017JD)*** stante illi din ingħatat bi ksur tal-jedd fondamentali għal smiegħ xieraq tar-rikorrenti u imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

**3)** Tagħti kull rimedju xieraq u meħtieġ ieħor li jidhrilha xieraq sabiex jagħmel tajjeb għall-imsemmi ksur, billi fost ħwejjeġ oħra tillikwida id-danni a favur tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż".

Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali (Qrati) (l-intimat Direttur) tas-6 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. "Illi in *linea* preliminari jiġi eċċepit illi l-eċċipjenti Direttur Ġenerali (Qrati) m'huwiex il-leġittimu kontradittur għall-lanjanza attriċi u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;
2. Illi in linea preliminari wkoll jiġi eċċepit illi l-azzjoni odjerna hi intempestiva stante li r-rikorrenti ma esawrixewx ir-rimedji ordinarji disponibbli għalihom skont il-liġi u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina mili tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors promotur odjern.
3. Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-dritt fondamentali tagħhom għal xi nuqqas minn naħa tal-esponenti u għalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
4. Illi l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et** deċiża mill-Qorti kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:

   > *'Hu ben saput li l-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-Eżekuttiv u ma' taqa' taħt l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrenti huwa attribwibli għall-operat tal-Qrati, allura ir-Reġistratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Ġudikant, ma jistax hawn ikun leġittimu kontradittur.'*

5. Illi l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u għalhekk żgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proċeduri.

6. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deċiża mill-Qorti kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn ġie ritenut:

> *'Kwantu għall-appellat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubbju li dan ma hux il-leġittimu kontraditur f'din il-kawża. Ir-Reġistratur ma jirrapreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkat bir-rikors promotorju-anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skond il-liġi- u hu ma hux f'posizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati'.*

7. Illi in oltre ssir riferenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Ġenerali Qrati et**;

8. Illi fil-mertu l-eċċipjenti jirrileva illi ma kien hemm ebda ksur kif lamentat mir-rikorrenti u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

9. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti".

Rat ir-risposta tal-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u Governanza u tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Ministru u intimat Avukat) tas-6 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha wieġbu:

**1."**Illi preliminarjament, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-Gudizzju;

**2.**Illi preliminarjament ukoll, l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u konsegwentement għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju wkoll;

**3.1** Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, dawn mhumiex il-proċeduri idonei li r-rikorrent kellu jintavola sabiex jattakka dak li seħħ quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u allura għandu jirriżulta li ma utilizzax il-mezzi ordinarji li kellu a disposizzjoni tiegħu qabel ma ntavola dawn il-proċeduri straordinarji;

**3.2** Illi fil-proċeduri li qed jiġu attakkati, ir-rikorrent kien qed jiġi rappreżentat minn kuraturi. Skont l-artikoli 936 u 937 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kuraturi għandhom lista sħiħa ta' dmirijiet li qed tiġi riprodotta għall- attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti:

*“936.(1)* ***Il-kuraturi għandhom jaħhmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża tal-interessi li għalihom ikunu jidhru.*** *Id-dmirijiet tal-kuraturi għandhom jinkludu dan li gej:*

**(a)** ***li jinvestigaw sewwa dwar il-jeddijiet tal-persuni li jirrappreżentaw u li jidentifikaw dawn il-jeddijiet;***

***(b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jittutelaw il-jeddijiet imsemmija qabel;***

***(ċ) li jikkuntattjaw minnufiħ*** *lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw, jekk l-indirizz ikun magħruf, u jekk mhux magħruf* ***għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu jagħmlu biex isiru jafu l-indirizzi tagħhom,magħduda l-pubblikazzjoni bl-awtorità tal-qorti ta' avviż f’gazzetta tal-lokal fejn l-aħħar kien magħruf jew kienu magħrufin;***

***(d) li jgħarrfu lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw b'kull att ġudizzjarju u x’ikun fiħ;***

***(e) li jiksbu t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiddefendu kull interess tal-persuna jew persuni li jkunu jirrappreżentaw;***

**(f)** ***li jkomplu jittutelaw l-interessi tal-persuna jew persuni li jirrappreżentaw dwar kull ħaġa pendenti*** minkejja liż-żmien tal-ħatra taħt l-artikoli 89 jew 90 jista' jkun skada; u

**(g*****) li jżommu lill-qorti regolarment mgħarrfa b'kull azzjoni mehuda fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.***

***(2) Il-kuraturi għandhom iwieġbu għal kull danni u imgħaxijiet li jista' jkun hemm minħabba t-traskuraġni tagħhom.***

***937. Il-prokuratur legali maħtur bħala kuratur għandu jfittex li jġib lill-avukat l-informazzjonijiet dwar kull fatt li l-avukat jitolbu, jippreżenta l-iskritturi, jidher fis-smigħ tal-kawża, u jagħti lill-avukat kull assistenza oħra meħtieġa." (enfasi miżjud)***

**3.3** Minn qari tal-artikoli kkwotati fuq u mill-fatti kif posti mir-rikorrent, jidher li **l-obbligu kien fuq il-kuraturi** li jħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent mhux fuq l-Avukat tal-Istat jew fuq il-Ministru intimat. Il-liġi tispeċifika wkoll x'għandu jsir meta l-kuraturi ma jagħmlux xogħolhom kif teżiġi l-liġi. Kwindi dan juri li dawn il-proċeduri kostituzzjonali nfetħu erronjament u intempestivament u għalhekk din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba biex ma tinqediex bis-setgħat tagħha skont il-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

**4.** Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-esponenti assolutament mhumiex responsabbli għal dak li qed jilmenta minnu r-rikorrenti u dan kif ser jiġi muri aħjar matul is-smigħ tal-kawża;

**5.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

GHALDAQSTANT, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur tiegħu u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent".

Rat ir-risposta ta' Marisa Buġeja (l-intimata) tat-30 ta' Lulju li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. "Illi preliminarjament ir-rikors promotur huwa null in kwantu li ma sarx fil-forma tar-rikors ġuramentat kif titlob il-liġi;
2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi huma presċritti u perenti a tenur tal-Artikolu 818(1)(a),(b),(c) u(d) u l-Artikolu 819(1) u (2) tal-kodici ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Civili (Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta);
3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-proċedura li qed tiġi addottata mill-atturi mhijiex korretta li trid issir biex jiġu attakkati l-proċeduri li saru quddiem il-Bord li Jirregola il-kera u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu riġettati;
4. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-attur nomine għandu jipprova li huwa fil-fatt vestit bis-seta' li jipproċedi bil-preżenti kawża. Dan jingħad peress li l-attur nomine ma' ppreżenta l-ebda prokura flimkien mal-atti promoturi ta' din il-kawża li ġew notifikati lill-eċċipjenti;
5. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-atturi kellhom l-ewwel u qabel ma taw bidu għall-kawża odjerna, irrikorrew għal u kellhom jeżawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli għalihom, kompriż appell mis-sentenza *de quo* tal-Bord li jirregola l-kera u talba għal ritrattazzjoni ta' dik il-kawża bil-mod stabbilita fil-liġi;
6. Illi tant huwa il-każ li l-atturi ma eżawrixxewx ir-rimedji ordinarji disponibbli għalihom li għalkemm fil-premessa numru sitta (6) tar-rikors ġuramentat promotur ta' din il-kawża l-atturi iddikjaraw li kien fit-tmienja (8) ta' Novembru tal-elfejn u dsatax (2019) illi is-Sur Gemmell Smith ġie a konoxxenza tal-proċeduri illi kienu inqatgħu kontrieħ u dan peress illi marixxal tal-Qorti ta' Bourgoin-Jallieu innotifikaħ b'dokumenti ta' proċedura intavolata ġewwa Franza għal esekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord li Jirregola l-kera ġewwa Franza u saħansitra annetta kopja u mmarkata bħala Dok. A, ma saret l-ebda talba għal ritrattazzjoni tal-kawża deċiża bl-imsemmija sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera a tenur tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta entro t-tlett xhur mit-tmienja (8) ta' Novembru tal-elfejn u dsatax (2019) hekk kif jipprovdi l-artikolu 818 (1) tal-istess Kap 12;
7. Illi primarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-atturi għandhom jipprovaw ġuridiku tagħhom;
8. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-bandi għall-ħatra ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lis-Sur Gemmell Smith fl-atti tal-kawża quddiem il-Bord li jirregola l-kera (Kawża numru 61/2017 JD) kienu

ġew debitament notifikati lis-Sinjura Cherton Caruana- is-sensara li wasslet l-esponenti u s-Sur Gemmell Smith għall-ftehim ta' lokazzjoni mertu ta' din il-kawża- u da kif jitlob l-artikolu 931 et seq tal-istess Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, kien proprju wara li l-istess Cherton Caruana kienet notifikata bil-preċitat bandu u wara li ma deher ħadd biex jaċċetta l-kurazija li jidher li l-Bord li jirregola l-Kera għada biex jaħtar lil Avukat Dr. Josette Sultana u l-Prokuratur Quentin Tanti bħala kuraturi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi-dan kollu jidher mill-annessa kopja tal-atti tal-istess bandu (**Dokument MB1**);

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-esponenti ma tistax twieġeb dwar jekk l-imsemmija kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapreżentaw l-interessi tas-Sur Gemmell Smith kienu għamlu xi tentattivi sabiex jinnotifikawħ bl-atti tal-kawża. Biżżejjed pero' li jingħad li skont l-artikoli 936 u 937 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, apparti milli kellhom jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża tal-interessi s-Sur Gemmell Smith, il-kuraturi kellhom elenku sħiħ ta' dmirijiet li kellhom jagħmlu għad-difiża tal-interessi tal-istess Sur Gemmell Smith;

11. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, in vista tal-preċitata eċċezzjoni jidher bl-aktar mod ċar li l-eċċipjenti ma hijiex il-leġittimu kontradittur- jekk is-Sur Gemmell Smith għandu xi ilmenti, dan kellhom jiġu mmirati band'oħra;

12. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-eċċipjenti tirrileva illi ma kien hemm ebda ksur kif lamentat mill-atturi u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

13. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet attriċi minnufiħ u tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom a tenur tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-kap. 319 tal-liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

14. Illi f'kull każ, bla preġudizzju għal dak fuq eċċipit, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti;

15. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-eċċipjenti żżid billi ulterjorament tistqarr u tispjega:

   i. Illi malli is-Sur Gemmell Smith kien għarraf li kien tilef l-impjieg, kien sar ftehim li permezz tiegħu l-kera mensili kienet ġiet ridotta bil-għan li s-Sur Gemmell Smith u l-familja tiegħu setgħu jibqgħu fil-kirja;

   ii. Illi fl-ebda mument ma kienu, la l-eċċipjenti u lanqas żewġha, informati verbalment jew formalment mis-Sur Gemmell Smith li hu u l-familja tiegħu riedu jew ippjanaw li jitilqu minn Malta. Difatti, hekk kif jiġi spjegat ulterjorament, l-eċċipjenti kienet ġiet infurmata minn residenti tal-istess triq li kien hemm *trailer* quddiem il-propjeta' de quo u wara da, meta l-eċċipjenti ressqet viċin il-propjeta' de quo li kienet kriet lis-Sur Gemmell Smith hi rat nies tal-

kumpannija tal-ġar jgħabbu affarijiet ġewwa *trailer* s-Sur Gemmell Smith kien qiegħed jgħabbi l-affarijiet tiegħu (u anke xi affarijiet tal-eċċipjenti) fiħ. Difatti l-eċċipjenti għandha diversi ritratti li juru dan kollu- dawn qed jiġu hawn esibiti u mmarkati bħala **Dokumenti ”MB2”- MB5”;**

iii. Illi d’dan ir-rigward hekk kif jiġi spjegat ulterjorament, l-eċċipjenti saħansitra għamlet rapporti mal-Pulizija wara li rat nies ta’ kumpannija tal-ġar jgħabbu affarijiet ġewwa *trailer*-uħud minn dawn ir-rapporti qed jiġu hawn esibiti u mmarkati bħala Dokumenti **“ MB6” U MB7”;**

iv. Meta saru r-rapporti lill-pulizija, kienu saħħansittra saru sforzi wkoll mill-pulizija biex jċemplu lis-Sur Gemmell Smith fuq in-numri tat-telefon ċellulari lokali u barranin li s-Sur Gemmell Smith kien ta lill-eċċipjenti u li l-eċċipjenti kienet tat lill-pulizija iżda jidher li dawn l-isforzi kienu inutili;

v. Illi l-eċċipjenti qatt ma kienet ġiet infurmata bid-dettalji tal-indirizz fejn is-Sur Gemmell Smith kien sejjer jirriloka u saħħansittra ppruvat tikseb dan l-indirizz permezz tas-Sinjura Cherton Caruana (is-sensara li kienet introduċiet lis-Sur Gemmell Smith lill-eċċipjenti) u anke mingħand imgħallem preċedenti tas-Sur Gemmell Smith, ċertu Jeff Whittemore (vide l-anness email **Dokument "MB8"**);

vi. Illi tant huwa minnu li s-Sur Gemmell Smith qatt ma kien intensjonat li jagħti l-indirizz sussegwenti tiegħu li s-Sur Gemmell Smith għadu qed jirċievi l-posta fil-fond *de quo* li kien ġie lokat lilu mill-eċċipjenti - uħud minn din il-posta qed tiġi hawn esibita u mmarkata bħala **Dokumenti "MB9-MB38**" li anke jinkludu notamenti li l-pustier ħalla biex tinġabar posta reġistrata (vide **Dokumenti "MB39 MB42"**). Għandu jingħad li is-Sur Gemmell Smith saħħansittra ħalla l-fond *de quo* li kien ġie lokat lilu miftuħ (vide **Dokumenti "MB43-MB45**") wara li telaq u di pju ħalla apparat relatat mas-servizzi tat-telekomunikazzjoni li jidher li jappartjeni lil GO plc fil-propjeta':

16. Illi l-esponenti tikkonferma li hi taf personalment bil-fatti hawn dikjarati;

17. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż u bir-riserva ta' kull dritt spettanti lill-eċċipjenti”.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċeduri.

Semgħet ix-xhieda li tressqu fil-perkors ta’ dawn il-proċeduri;

Rat is-Sentenza parzjali tagħha tat-28 ta’ Jannar 2021.

Qrat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għall-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti:**

Ir-rikorrent, li kien Malta fuq xogħol mal-familja tiegħu, kera mingħand l-intimata il-fond 26, Marfran, Triq Oliver Aguis, Attard. Din il-kirja saret bis-saħħa ta' skrittura tas-6 ta' Mejju 2015 kif emendata aktar tard.

F'xi żmien fl-2017, ir-rikorrent Gemmell Smith, tilef l-impieg tiegħu u rċieva wkoll kont pesanti ta' ċirca għaxart elef ewro (€10,000) mingħand l-Arms Ltd. Kien f'din is-sena, li l-intimat telaq minn Malta u mar lura lejn pajjiżu. Jidher li ħalla diversi kontijiet pendenti warajħ, fost oħrajn arrettrati ta' kera u konsum ta' utilitajiet fl-ammont ta' wieħed u għoxrin erbgħa mija u disgħa u ħamsin punt sitta u sebgħin ewro (€21,459.76).

Wara li l-intimata talbet dan il-ħlas, anke b'ittri uffiċjali, din ipproċediet kontra r-rikorrent quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera. L-intimata tgħid, li l-uniku mod li kellha biex tagħmel kuntatt mar-rikorrent kienu email u mobile number għaliex qatt ma kellha l-indirizz tiegħu fi Franza. B'konsegwenza ta' hekk, wara li saru l-appositi proċeduri, ġew maħtura kuraturi Dr. Josette Sultana u PL. Quentin Tanti b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017.

B'Sentenza tas-6 ta' Marzu 2019 (rikors numru 61/2017JD), Il-Bord fuq imsemmi ikkundanna lir-rikorrent iħallas lill-intimata is-somma fuq imsemmija. Sabiex tesegwixxi din is-Sentenza, bl-interventi ta' kuġin

Avukat tagħha fl-Inghilterra, inkarigat avukati Franċiżi. Dawn ipproċedew bl-esekuzzjoni tagħha abbażi tar-regolament appositu tal-EU dwar esekuzzjoni ta' Sentenzi ta' Tribunali ta' membri kommunitarji. L-uffiċjal li ġie inkarigat irnexxilu jsib fejn kien joqgħod r-rikorrent.

Ir-rikorrent jgħid, li sar jaf l-ewwel darba b'din is-Sentenza bl-esekuzzjoni tagħha fi Franza, għaliex qatt ħadd qabel ma għamel kuntatt miegħu minn Malta fil-mument u ġew deċiżi il-proċeduri li kien hemm kontra tiegħu quddiem il-Bord imsemmi. Sakemm laħaq sar jaf biha, dik is-Sentenza kienet laħqet saret ġudikat u allura ma setgħax jappella. Dan kollu ġie diġa' spjegat minn din il-Qorti fis-Sentenza parzjali fuq imsemmija.

**<u>Punti ta' Liġi:</u>**

Bir-rikors odjern, ir-rikorrent qiegħed jikkontesta il-proċeduri li ttieħdu kontra tiegħu f'Malta quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, peress li kif ġew kondotti, ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għall-smiegħ xieraq kif imħarsa mill-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

Il-Qorti tibda biex tirrileva, li l-kwistjoni li qiegħed iqanqal ir-rikorrent, u ċioe' dik ta' nuqqas ta' notifika tal-atti jew notifika difettuża, titqies minn din il-Qorti bħala materja proċedurali li tolqot fil-laħam il-ħaj il-prinċipju ta' smiegħ xieraq. Din il-Qorti dejjem sostniet, li n-notifika tal-atti hija

l-pedament u s-sors tal-prinċipju ta' smiegħ xieraq. Dan il-prinċipju huwa intrinsikament kostruwit fuq il-prinċipju l-ieħor ta' parita' ta' armi f'sistema avversorja.

Di fatti l-awturi jispjegaw li "*The principle of equality of arms implies in particular that no elements of the examination of the case may be settled when one party is present or represented, but the other is not"* (Ara **Van Djik u Van Hoof, Theory and Practice of the ECHR, pg 319, Ed 2nd**). Fil-fatt dan huwa propju li qiegħed jilmenta minnu ir-rikorrent.

Altru li l-atti jiġu notifikati regolarment, pero' ma jkunx hemm smiegħ xieraq fil-perkors tal-proċeduri, u altru li sa mill-bidu nett ta' Kawża, ma jkunx hemm notifika tajba, għaliex f'ċirkostanza bħal din, il-prinċipju ta' smiegħ xieraq ikun ġie miksur minn għeruqu għaliex il-parti qatt ma setgħet tkun taf b'dawk il-proċeduri. Huwa għalhekk, li din il-Qorti dejjem tinsisti, li l-proċeduri taħt artikolu 187 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta għandha tkun segwita *ad unguem* u ma hemmx lok ta' interpretazzjoni. Huwa għalhekk ukoll li min joħroġ bin-notifika tal-atti għandu piż enormi li jirreġistrhom b'mod skrupluz u dettaljat. F'każ ta' dubbju, dwar jekk notifika hiex tajba, il-presunzjoni għandha dejjem tkun li hija ħażina.

Huwa għalhekk li dawn il-Qrati jgħallmu li *"In-nuqqas ta' notifika ssarraf f'nuqqas ta' smiegħ xieraq tant li l-liġi tenumeraha fost l-istanzi, tassattivament enumerati, li b'mod eċċezzjonali jservu biex jinfiċjaw*

*sentenza li tkun intokkabbli għaliex tkun għaddiet in ġudikat – prinċipju mhux daqstant ġuridiku daqskemm tal-esiġenza politika u ta' bon ordni li l-kwistjonijiet fis-soċjeta`jinqatgħu darb'għal dejjem b'sentenzi mhux appellabbli interminabilment f'ġieħ iċ-ċertezza tal-prorjeta` u tal-obbligazzjonijiet."* (Ara **Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2014 fil-kawża fl-ismijiet -vs Anton Grech per Imħallef Grazio Mercieca**).

Minn riċerka li għamlet din il-Qorti dwar il-posizzjoni tal-ECHR dwar l-importanza tan-notifika tal-atti fil-kuntest tad-dritt fundamentali indiskussjoni, jemerġu dawn it-tlett punti bħala l-aktar importanti u li huma rilevanti għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

1. Huwa d-dmir tal-Awtoritajiet konċernati, li jaġixxu bil-prerekwiżiti kollha ta' diliġenza sabiex jassiguraw li partijiet kollha għall-litiġju huma infurmati dwar l-andament tal-proċeduri u dan sabiex ikunu jistgħu jagħmlu adegwatament id-difiża tagħhom. In-notifika tal-atti għalhekk, ma għandiex titħalla fid-diskrezzjoni assoluta tal-partijiet fejn in-notifika tkun meħtieġa mill-liġi jew mitluba mill-Qorti (Ara **Schmidt -vs- Latvia, 2017, §§ 86-90, 92).** F'dan il-każ, huwa ukoll id-dmir tal-Qorti, li meta jkunu maħtura kuraturi sabiex jidhru għall-assenti, il-Ġudikant għandu jara li dawn ikunu qiegħdin jagħmlu xogħolhom skont il-liġi. Pero' dwar id-dmir tal-kuraturi aktar 'l quddiem.

2. Il-partijiet għandhom dejjem jingħataw l-opportunita' li jipparteċipaw fil-proċess sabiex iħarsu l-interessi tagħhom. Għalhekk il-Qorti għandha dejjem tara li ittieħdu l-miżuri proċedurali kollha, biex dawn ikunu infurmati dwar il-pendenza ta' proċedura kontra tagħhom. Għalhekk, l-indirizz korrett fejn il-parti għandha tirċievi l-atti mhux biss huwa essenzjali iżda *sine qua non* (Ara **Dilipak and Karakaya -vs-Turkey, 2014, §§ 85-88** ).

3. Il-Qrati huma tenuti li jeżaminaw il-korrettezza tan-notifika qabel ma jibdew iqiesu l-mertu. Ma hux biżżejjed li jiġi aċċertata li ħarġet in-notifika, iżda għandhom jaraw li huma konvinti, li l-parti tassew ġiet notifikata bis-serħan tal-moħħ, li tkun ingħatat żmien utli u biżżejjed lil dik il-parti kif titlob il-liġi. Il-Qorti għandha teżamina jekk parti assenti tassew irċevietx l-atti, fil-ħin u jekk fin-negattiv, tiddeferixxi il-proċeduri għan-notifika. Nieqes dan għemil, tirrikorri inkompatibbilita' mar-rispett ġenwin għall-ħarsien tal-prinċipju ta' smiegħ xieraq. (Ara **Gankin u oħrajn -vs-Russia, 2016, §§ 39 u 42**).

Minn dan kollu jemerġi, li dak li għandha quddiemha din il-Qorti, hija materja ħafna aktar kumplessa u determinanti mill-mod kif is-soltu nittrattawha. Riferta ta' lewn kaħlani ta' notifika, ma hiex fiha nnifisha garanzija ta' notifika tajba. Dan jiġri b'mod partikulari meta jitħallew barra il-partikularitajiet tal-persuna li f'idejha jkun tħalla l-att, u dan

sabiex il-Qorti tkun tista' tikkontrolla li ġew osservati l-estremi rikjesti minn artikolu 187 tal-Kap tal-liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ma għandiex tħalli dan il-kontroll unikament f'idejn il-parti kif rilevat aktar 'l fuq f'Sentenzi tal-ECHR.

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

IL-Qorti ser tibda biex qabel kollox, tipprovdi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Direttur, Ministru u Avukat u il-ħdax-il eċċezzjoni tal-intimata fis-sens li ma humiex il-leġittimi kontraditturi.

Permezz tal-eċċezzjonijiet rispettivi tagħhom l-intimat jsostnu li ma humiex il-leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri. Għalhekk f'każ li l-eċċezzjonijiet tagħhom huma fondati għandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ser l-ewwel ikunu kkonsidrati l-eċċezzjonijiet tal-Awtoritajiet intimati u fl-aħħar dik tal-intimata.

Issir referenza għas-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Brian Vella -vs- Avukat Generali et deċiża fl-24 ta' Novembru 2004** F'din is-Sentenza, il-Qorti kkunsidrat dak li intqal fis-Sentenza l-oħra **fl-ismijiet Lucien Stafrace nomine vs Aġent Reġistratur tal-Qrati et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Novembru 1988 [LXXII-I-127]** F'din l-aħħar Kawża, ir-rikorrenti talbu rimedju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili minħabba li ż-żmien li damu l-proċeduri kien wieħed irraġjonevoli u għalhekk bi ksur tad-dritt fundamentali ta'

smiegħ xieraq. Fil-Prim Istanza it-talbiet tagħhom kienu milqugħa. Fuq appell sija tar-rikorrenti kemm tal-intimati, il-Qorti Kostituzzjonali irrevokat u lliberat lill-intimati Reġistratur tal-Qorti, Ministru tal-Gustizzja u Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju billi ma kienux il-leġittimi kontradittturi.

Il-Qorti ħasset li r-Reġistratur tal-Qrati ma kienx persuna idonea biex joqgħod f'ġudizzju għaliex bħala kap ta' dipartiment, hu jirrappreżenta lill-Gvern fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju tal-amministrazzjoni pubblika inerenti għal dak id-dipartiment, u l-kwistjoni preżenti ma kienitx tidħol fil-mansjonijiet bħala tali. Kompliet tispjega, li l-Ministru jirrappreżenta d-Dipartiment tiegħu, pero` l-kawża preżenti ma kienitx waħda li tirrigwarda l-funzjonijiet tal-Ministru tal-Gustizzja jew tal-Intern. L-istess ħaġa wkoll tingħad għall-Kummissarju tal-Pulizija.

Fis-Sentenza fl-ismijiet- **Carmelo sive Charles Delia et -vs-Reġistratur tal-Qrati in rappreżentanza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri et, deċiża fil-25 ta' April, 1990 [Vol. LXXIV-I-91]** l-istess Qorti Kostituzzjonali, li quddiemha ġie sollevat għall-ewwel darba fil-kawża l-punt tal-leġittimita` tal-persuna tal-intimat, laqgħet eċċezzjoni simili sollevata mill-intimat Reġistratur tal-Qrati u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Qorti sostniet, li r-Reġistratur tal-Qrati m'għandhux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima

biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti.

Issa permezz tal-Att XXIV tal-1995 ġie introdott l-artikolu ġdid 181 B. Dan jispeċifika min għandu jirrapreżenta l-Istat fi proċeduri fil-Qrati b'mod speċifiku u fis-subinċiż (1) jgħid li:

*"(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni…*

*(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern*."

Fis-**Sentenza fl-ismijiet George Xuereb -vs- Reġistratur tal-Qrati et deċiża fl-14 ta' Marzu 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)**, proprju dwar eċċezzjoni simili li ġiet imqanqla mir-Reġistratur tal-Qrati, għal darba oħra minħabba dewmien ta' proċeduri kaġjonati mill-avversarju u mill-Imħallef li għal xi żmien kien qed jippresjedi l-istess proċeduri, il-Qorti rriteniet li hekk:

*"L-art. 181B jipprovdi li l-Gvern, igifieri l-istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tal-Gustizzja dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk is-subinciz (2) tal-istess artikolu jipprovdi wkoll, li l-Avukat*

*Generali jirrapprezenta l-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gvern in rapprezentanza tal-Istat.*

*Illi huwa ben saput li fid-dritt Kostituzzjonali u konvenzjonali li l-Gudikatura hija indipendenti mill-Ezekuttiv u certament ma tistax titqies bhala Dipartiment tal-Gvern. Ir-Registratur tal-Qrati ma kellu ebda kontroll fuq dawk il-proceduri partikolari u inqas ma kien involut b'xi mod fil-materja fil-mertu tar-rikors promotur. Hu ben risaput li l-Gudikatura hi organu indipendenti mill-Ezekuttiv u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent hu attribwibbli ghall-operat tal-Qorti allura r-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qrati u mhux ukoll mill-operat tal-gudikant, ma jistax hawnhekk ikun legittimu kontradittur".*

Kien għalhekk li dik il-Qorti akkoljiet l-eċċezzjoni mqanqla mir-Reġistratur tal-Qrati u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju. F'dan ir-rigward issir ukoll referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Edmond Mugliette -vs- Reġistratur tal-Qorti tal-Reviżjoni tal-Atti Nutarili deċiża fit-12 ta' Ġunju 2002 mill-Prim'Awla [sede Kost]** fejn ġew ribaditi dawn il-prinċipji.

Għalhekk fid-dawl ta' dawn it-tagħlim ġurisprudenzjali, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni, li sa fejn jirrigwarda lill-intimati Ministru u Direttur għandhom raġun jgħidu li ma humiex il-leġittimi kontradritturi.

Huwa l-intimat Avukat li ma għandux raġun, għaliex jaqa' perfettament f'dik il-parti tal-artikolu 181B(2) u dan għaliex hu *jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern*. Għalhekk sa fejn jirrigwarda dan l-intimat, ir-rikors huwa ben indirizzat. Il-konsegwenza hi, li iż-żewġ intimati l-oħrajn ser jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Kwantu għall-intimata, huwa minnu li hi ma tistax tkun ikkundannata fil-mertu jew kostretta tagħti rimedju, għaliex dan jispetta lill-istat li jagħtiħ. B'dan kollu, l-preżenza tagħha f'dawn il-proċeduri hija neċessarja għal żewġ raġunijiet:

1. Fl-ewwel lok għaliex ġaladarba hija kienet parti għas-Sentenza tal-Bord tal-Kera, li qed tkun attakata mir-rikorrent, il-preżenza tagħha hija meħtieġa għall-integrita' tal-ġudizzju u ukoll għaliex jista' għandha nteress fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri.
2. Fit-tieni lok, jekk din il-Qorti ssib li t-talbiet tar-rikorrent huma ġustifikati u jirriżulta li l-intimata kkontribwiet għas-sitwazzjoni, f'każ li jinstab li ma kienx hemm notifika valida, ikun ġust li tkun akkollata b'parti mill-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk fil-każ tagħha l-eċċezzjoni li ma hiex il-leġittima kontradittriċi ser tkun miċħuda.

Il-Qorti tgħaddi biex tirreleva li fit-12 ta' Ottubru 2021, l-intimata preżentat rikors li permezz tiegħu attirat l-attenzjoni tal-Qorti, li fil-mori ta' dawn il-proċeduri il-Qorti Franċiża ta' Bourgoin Jallieu, fis-17 ta' Settembru 2021 ppronuzjat ruħha in konnessjoni mal-esekuzzjoni ġewwa Franza tas-Sentenza ottenuta mill-intimata fuq imsemmija tal-Bord li Jirregola L-Kera f'Malta u li qed tkun attakkata b'dawn il-proċeduri.(a; fol 2013). L-intimata tkompli tgħid li fil-preċitata sentenza tal-Qorti Franċiża ingħad hekk:

"*Emmanuel Gemmel-Smith was absent and not represented, In an e-mail dated 1 July 2021. He indicated that he would not appear at the hearing, specifying that he was requesting the clemency of the Court with regards costs"*.

Minħabba f'hekk, l-intimata tkompli targumenta, "jirriżulta bl-aktar mod ċar illi l-istess Emmanuel Gemmell-Smith issottometta ruħhu għall-preċitata Sentenza tal-Bord tal-Kera tas-6 ta' Marzu 2019" (ibid a' fol 203). F'dak ir-rikors talab li jippreżenta eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li minħabba dan l-iżvilupp ir-rikorrent ma kienx "*ghad baqalu interess guridiku fil-kawza odjerna"* (a; fol 205).

Sal-lum dan ir-rikors ma ġiex degretat formalment minn din il-Qorti, fost oħrajn għaliex l-intimata naqset li tosserva d-digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ottubru 2021 (Ara a' fol 220). Għalkemm irid jingħad, li r-rikorrent kien konsapevoli ta' dan ir-rikors, mhux biss għaliex wara l-preżentata tiegħu kien hemm diversi seduti, iżda anke fid-dawl ta' li

ġie verbaliżżat fis-seduta tal-24 ta' Frar 2022 (a' fol 254). Għalhekk il-Qorti tqies li xorta għandha tieħu inkonsiderazzjoni dan l-iżvillupp fil-mori tal-kawża peress li jista' jkollu effetti kollaterali għall-mertu ta' din il-Kawża.

Dak li qed targumenta ir-rikorrenti jista' jittraduċi ruħu f'Sentenza waħda: li la darba is-Sentenza ġiet esegwita fi Franza u di piu', fid-dawl tal-email fuq imsemmija mibgħuta mir-rikorrent lit-Tribunal Franċiż, hu ġie li ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Malti bil-konsegwenza li anke ir-rinunzja għall-azzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri u kwindi ma fadallu ebda interess ġuridiku li jkomplihom.

Il-Qorti tibda biex tfakkar li fost oħrajn artikolu 742(1)(g) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-Qrati Maltin għandhom kompetenza ossia ġurisdizzjoni fil-konfront ta' *kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.* Mill-kliem tal-liġi huwa ċar, li s-sottomissjoni għal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, kemm jekk taċita u anke jekk espressa, trid issir <u>f'dawk il-proċeduri</u> li jkunu qed jittrattaw il-mertu meta jkunu għadhom pendenti u qabel ma tingħata Sentenza. Dan tant huwa minnu, li propju subartikolu tnejn tal-istess artikolu jipprovdi li meta jkun hemm konkomittanza ta' adesjoni tal-istess mertu minn Tribunal barrani, meta dan ikun qiegħed kontemporanjament ikun trattat minn Tribunal Malti:

*Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li qorti barranija tkun qegħda tittratta l-istess kawża jew kawża li għandha x'taqsam magħha. Meta qorti barranija jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju jew iwaqqfu l-proċedimenti f'każ li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew inġusta għall-konvenut.*

A skanz ta' kliem żejjed, il-partijiet sottolinejati minn din il-Qorti, huma kjarament indikattivi li s-sokkobenza għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin isseħħ biss meta l-proċeduri jkunu għadhom attivi u għaddejjin u mhux meta l-mertu jkun konkluż u deċiż. Kieku kellu jkun hemm interpretazzjoni oħra, ma jkunx jagħmel sens x'tista' tagħmel il-Qorti Maltija fil-każ li Qorti Barranija tkun qed tisma' l-istess mertu.

Li tillibera mill-osservanza jew twaqqaf il-proċeduri huma atti li jikkonfortaw l-argument ta' din il-Qorti għaliex biex isir hekk huwa neċessarju li l-proċeduri jkunu għadhom pendenti. Di piu', il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, ma jindikax li l-Qorti Franċiża trattat l-istess mertu għaliex fil-waqt li l-Qorti Maltija trattat il-mertu fis-sustanza tiegħu, il-Qorti Franċiża awtorizżat l-esekuzzjoni tat-titolu ottenut. Din li hija biss kwistjoni ta' mera proċedura u mhux sostantiva.

Jidher ukoll, li r-rikorrenti bl-argumenti tagħha qiegħda tikkonfondi n-natura tal-mertu li għandha quddiemha din il-Qorti ma prinċipji intrinsikament ċivilistiċi. Il-Qorti tfakkar li dak li għandha quddiemha

hija azzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali dwar ksur ta' dritt fundamentali u mhux azzjoni ordinarja ċivilistika.

Issa ormai huwa paċifiku kemm fost l-awturi u anke l-ermenautika sentenzjali, li d-drittijiet fundamentali huma universali, inaljenabbli u inter-dipendenti. Il-fatt li dritt fundamentali huwa inaljenabbli, l-anqas jista' jkun rinunzjat. L-inaljenabbilta' tipprekludi lill-vittma milli iċċedi dan id-dritt. Tant dan huwa minnu, li d-drittijiet fundamentali huma *extra-commercium.* Għalhekk anke jekk l-intimata qed targumenta, b'dak li seħħ quddiem it-Tribunal Franċiż, ir-rikorrent irrinunzja għad-dritt fundamentali tiegħu, din il-Qorti xorta għandha dmir li tkompli tisma' din il-Kawża fil-mertu kif fil-fatt ser tagħmel. L-eżami u l-ħarsien ta' dritt fundamentali huwa indipendenti u awtonomu minn kull konsiderazzjoni oħra, li ma hiex ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali.

L-intimati jargumentaw ukoll, li r-rikorrent għandu jressaq il-każ tiegħu kontra l-kuraturi maħtura. Għalhekk bħal donnu qed jingħad, li dawn ma qdewx dmirhom sewwa taħt il-liġi u r-rikorrent lejhom irid idur, inkwantu jilmenta dwar dak, li skond hu, ġara. Għal dan l-iskop jiċċitaw brani sħaħ ta' x'inhuma l-obbligi ta' kuratur taħt il-liġi skont artikoli 936 u 937 tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tagħmel referenza għas-Sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta f'dan ir-rigward tat-**30 ta' Marzu, 2021 Numru 1143/18TA Manwel Vella et -vs- Avukat Dr.**

**Charmaine Cherrett nomine** fejn fost affarijiet oħra saru dawn l-osservazzjonijiet:

*"Il-Qorti tħoss ukoll, li għandha tippuntwalizza, li l-Istitut tal-ħatra ta' Kuraturi f'dawn iċ-ċirkostanzi jew meta l-Konvenut ikun assenti minn Malta huwa wieħed onoruż ħafna. Tfakkar li kemm jekk il-Kuraturi ma jagħmlux xogħolhom sewwa u anke jekk l-Atturi ma jipprovdux l-informazzjoni kollha għad-disposizzjoni tagħhom lil dawn tal-aħħar, kwalunwke eventwali Sentenza li tingħata, mhux biss tista' tirrendi lil dak li jkun responsabbli għad-danni, iżda jkun hemm ukoll ksur ta' wieħed mill-prinċipji tal-ġustizzja naturali: dak tal-audi alteram partem. Ħadd daqs il-parti nnifisha ma huwa f'posizzjoni li jiddefendi l-kawża bl-aħjar mod possibbli. Daqstant huwa importanti dan l-Istitut….*

*….Il-Qorti tfakkar, li l-Istitut tal-Kuraturi, ma hux mahsub biex dak li jkun jikseb Sentenza mingħajr ħafna opposizzjoni. L-anqas ma huwa maħsub biex dak li jkun jieħu l-iqsar triq. Għalhekk, min jagħmel talba għall-ħatra ta' Kuraturi, jkun jaqbillu li jgħaddilhom l-informazzjoni kollha li għandu fil-pussess tiegħu. B'dan il-mod ikun qed jgħinhom jaqdu dmirijiethom skont il-liġi kif fuq spjegat. Informazzjoni ħażina jew miżmuma, minn min ikun qed jagħmel it-talba, tista' twassal għal ġudikati li jkunu attakabbli u jekk mhux ukoll għal kawżi għad-danni. Daqstant huma importanti d-dmirijiet u obbligi li jġib miegħu dan l-Istitut."* (Emfażi ta' din il-Qorti f'dawn il-proċeduri).

L-osservazzjonijiet imsemmija, huma essenzjali għal każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Waqt is-smiegħ tqanqal id-dubbju jekk il-kuraturi ġewx mogħtija l-informazzjoni li kellhom bżonn biex jagħmlu kuntatt mar-rikorrent. Il-Qorti temmen li x'aktarx fid-dawl ta dak li xhedet Cherton Aivazan, l-uniku informazzjoni li kellha l-intimata kienu email u telephone number tar-rikorrent (a' fol 189). Imma meta il-Qorti analiżżat ix-xhieda tal-intimata, din il-Qorti sabet, li f'dan ir-rigward, dwar jekk fornietx din l-informazzjoni lill-kuraturi, ma kienet xejn konvinċenti (ara a' fol 192). Tgħid li għaddiet din l-informazzjoni lill-avukat tagħha u lil dan qatt ma ressqitu bħala xhud biex jikkonferma dan (a' fol 192). Tgħid ukoll li lil Dr. Josette Sultana qatt ma ratha qabel, meta mill-verbali tal-proċeduri quddiem il-Bord deheret diversi drabi (a' fol 110,111,114,115 u 116). Meta mistoqsija jekk kienitx taf li l-informazzjoni waslitx għand l-kuraturi wieġbet li ma tafx (a' fol 192F).

Il-Qorti qrat ukoll ix-xhieda ta' Dr. Josette Sultana (a' fol 256 sa 258). Din xhedet li ma kienx ingħata informazzjoni dwar fejn setgħet tagħmel kuntatt mar-rikorrent. Hija sfortunata għall-aħħar li din l-informazzjoni ma ġietx mitluba permezz ta' ittra. Tgħid li talbitha seduta stante mingħand l-avukat tal-parti. Kif jgħidu, *scripta manet, verba volant*. L-anqas ma jirrisulta, li l-Qorti eżerċita kontroll fuq is-sitwazzjoni biex jitħarsu l-interessi tar-rikorrent, kif jindikaw li għandu jsir fil-kawżi suċitati. B'dana kollu, meta it-Tribunal Franċiż ġie adit biex jesegwixxi s-Sentenza tat-Tribunal Malti, l-indirizz tajjeb tar-

rikorrent instab, aktarx mill-isforzi li għamel l-avukat Franċiż aktar milli dawk tal-intimata. Imma instab.

Għalhekk din il-Qorti tqies li għan-nuqqas ta' notifika valida hija b'konsegwenza ta' diversi raġunijiet attriwibbli għal kull min ipparteċipa fil-proċess kollu. Tal-intimata, li ma jidhirx li forniet l-informazzjoni apposita lill-kuraturi, u li qabel ma għamlet il-proċeduri, ma għamlitx aktar riċerka dwar fejn kien joqgħod ir-rikorrent (Ambaxxati, direttorji u anke l-ingaġġ ta' aġenziji dwar tiftix fi Franza); tal-Kuraturi għaliex messhom kienu aktar retiċenti mal-parti l-oħra b'mod aktar viżibbli u biex b'hekk ma jitħalla ebda dubbju dwar l-qadi ta' dmirijiethom; u tal-Qorti, li straħet wisq fuq il-partijiet mingħajr ma għamlet imqar il-minimu ta' superviżjoni tax-xogħol tal-kuraturi, li wara kollox huma maħtura mill-Qorti stess.

Il-Qorti tissottolineja ukoll, li qabel ma dak li jkun jagħmel kawża, jkun aħjar li jagħmel ir-riċerki tiegħu sewwa dwar fejn toqgħod parti li tkun assenti. Dan għandu jibqa' jsir anke wara li tinbeda il-kawża, għall-aħjar informazzjoni tal-parti l-oħra, anke biex tkun tista' tassumi l-atti flok il-kuraturi.

Ir-rikorrent jilmenta ukoll, li l-intimata messha pproċediet bin-notifika tal-atti bil-mezz tar-regolament tal-Kunsill Ewropew 1393/2007. Iżda kif diġa' kkonkludiet il-Qorti aktar 'l fuq, jirriżulta li l-intimata kellha biss l-indirizz tal-e-mail u telephone number tar-rikorrent. Għalhekk r-regolament inkwistjoni ma hux applikabbli għaliex regolament 1(2)

jipprovdi li *"Dan ir-Regolament m'għandux japplika meta l-indirizz tal-persuna li lilha jrid ikun innotifikat jew ikkomunikat l-att ma jkunx magħruf."* Dan ikompli jaċċentwa kemm huwa importanti li kull min jaġixxi f'xi Qorti kontra assenti f'materja ċivili jew kummerċjali u li jkun jabita f'pajjiż komunitarju, għandu jagħmel l-almu tiegħu biex jakkwista ukoll l-indirizz residenzjali tal-kontro-parti għaliex hija preferibbli notifika diretta milli waħda tramite il-kuraturi.

F'ċirkostanzi bħal dawn, anke fid-dawl ta' dubbji serji dwar il-validita' jew nuqqas ta' notifika, kif ingħad aktar 'l fuq, il-presunzjoni dejjem għandha tkun, li n-notifika ma saritx kif trid il-liġi. Id-dubbju għandu dejjem jillimita favur d-dritt tal-individwu għal smiegħ xieraq. Għalhekk, din il-Qorti, fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, ser issib li t-talbiet tar-rikorrent huma fondati u li fil-fatt ir-rikorrent, inkisirlu id-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq kif imħares minn artikolu 39(2) u 6 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar x'rimedji għandhom jingħataw f'ċirkostanzi għal kollox anomali li għandha quddiemha din il-Qorti, partikularment fid-dawl, li s-Sentenza tat-Tribunal Malti ġiet reża' esegwibbli minn Tribunali barrani fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Fost ir-rimedji li qiegħed jitlob ir-rikorrent hemm dak ta' tħassir tas-Sentenza tal-Bord li jirregola il-Kera tas-6 ta' Marzu 2019.

Il-Qorti waslet għall-konklużjoni, li la jkun xieraq u lanqas spedjenti, li fiċ-ċirkostanzi partikulari tal-każ tilqa' din it-talba. Pero' stante, li xorta

ser issib, li bil-mod kif ġiet kondotta dik il-kawża inkiser id-dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent, bħala rimedju ser tkun qiegħda tagħti kumpens mhux materjali. Il-Qorti qed tiffissa dan il-kumpens, fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000).

Għaldaqstant, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors bil-mod segwenti:

**<u>Decide:</u>**

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Direttur u Ministru u tilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju filwaqt li qed tiċħadha fil-konfront tal-Avukat tal-Istat u tal-intimata'.

**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti u tiddikjara li bil-mod li saru l-proċeduri li wasslu għas-Sentenza tas-6 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet Marisa Buġeja vs Dr Josette Sultana u PL Quentin Tanti li b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2017 ġew nominati bħala kuraturi għall-assenti Emmanuel Gemmell Smith (Rikors Numru 61/2017JD) kisru il-jedd fondamentali għal smiegħ xieraq tar-rikorrenti u imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba għar-raġunijiet spjegati aktar 'l fuq.

**Tillikwida** danni mhux materjali sofferti mir-rikorrent fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) u tikkundanna lill-intimat Avukat iħallas lir-

rikorrenti l-ammont inkwistjoni, bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi kommunikata lill-Ispeaker tal-Kamra.

Spejjeż tal-proċeduri a' karigu tal-intimat Avukat tal-Istat, ħlief ta' dawk il-partijiet li ġew illiberati mill-osservanza, li għandhom ikunu a' karigu tar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**